REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/139

tad-29 ta' Jannar 2018

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1033/2006 fir-rigward tar-referenzi għad-dispożizzjonijiet tal-ICAO

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabbiltà tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (ir-Regolament tal-interoperabbiltà) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat dwar l-Ajru Uniku,

Billi:

(1) Il-punt (16) tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1033/2006 ([2]) jirreferi għad-definizzjonijiet stabbiliti fil-Volum 1 tal-Proċeduri tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (l-ICAO) għas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru — l-Operazzjonijiet tal-Inġenji tal-Ajru (PANS-OPS, Doc 8168), u b'mod aktar speċifiku għall-ħames edizzjoni tiegħu tal-2006 li tinkludi l-Emenda Nru 6. Fl-10 ta' Novembru 2016, l-ICAO emendat Doc 8168, biex jinkorpora l-Emenda Nru 7.

(2) Il-Punt 2 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1033/2006 jirreferi għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Proċeduri tal-ICAO għas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru — il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (PANS-ATM, Doc 4444), u b'mod aktar speċifiku għall-15-il edizzjoni tiegħu tal-2007 li tinkludi l-Emenda Nru 6. Fl-10 ta' Novembru 2016, l-ICAO emendat Doc 4444, biex jinkorpora l-Emenda Nru 7 A.

(3) Ir-referenzi fir-Regolament (KE) Nru 1033/2006 għal Doc 8168 u Doc 4444 għandhom jiġu aġġornati sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi legali internazzjonali tagħhom, u sabiex tkun żgurata l-konsistenza mal-qafas regolatorju internazzjonali tal-ICAO.

(4) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1033/2006 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1033/2006 hu emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2(2), il-punt 16 jinbidel b'li ġej:

"16. 'proċeduri taż-żona tat-terminal' tfisser it-tluq bl-istrument standard u l-wasliet bl-istrument standard kif definiti fil-Proċeduri tal-ICAO għas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru — l-Operazzjonijiet tal-Inġenji tal-Ajru (PANS-OPS, Doc 8168 — il-Volum 1 — il-ħames edizzjoni — tal-2006, li tinkludi kull emenda san-Nru 7)";

(2) fl-Anness, il-punt 2 jinbidel b'li ġej:

"2. It-Taqsima 4.4 tal-Kapitolu 4 (Il-pjanijiet tat-titjiriet) u l-paragrafu 11.4.2.2 tal-Kapitolu 11 (Il-messaġġi dwar il-movimenti) ta' ICAO PANS-ATM Doc. 4444 (is-16-il edizzjoni — 2016, li tinkludi kull emenda san-Nru 7 A)".

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 26.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1033/2006 tal-4 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar proċeduri għall-pjanijiet tat-titjiriet fil-fażi ta' qabel it-titjira għall-Ajru Uniku Ewropew (ĠU L 186, 7.7.2006, p. 46).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER